MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2006

Citazzjoni Numru. 603/2003

**"A"**

**vs**

**"B"**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 13 ta' Gunju 2003 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi fit-12 ta' Gunju 2003, l-attur ipprezenta Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-konvenuta *ai termini* ta' l-**artikolu 877 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta** sabiex iwaqqafha milli tiehu li binthom minuri "C", barra minn Malta;

Illi dan il-mandat gie milqugh u akkordat fit-12 ta’ Gunju 2003 minn din l-Onorabbli Qorti, liema kopja hija hawn annessa u markata bhala Dok. “AB 1”;

Illi prezentement l-attur huwa residenti fil-Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin;

Illi sa ftit gimghat ilu, l-konvenuta kienet qed tiehu lil “C” tara lil missierha kull nhar ta’ Hadd fil-Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin;

Illi ghal xi raguni jew l-ohra, l-konvenuta waqfet milli tiehu l-minuri sabiex tara lil missierha u wriet il-hsieb li titlaq mill-gzejjer Maltin flimkien mal-minuri “C”;

Illi l-konvenuta ghandha cittadinanza doppja – dik Ingliza u dik Maltija;

Illi l-istess attur talab lil din il-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tikkonferma l-Mandat ta’ Inibizzjoni numru 955/03 fuq imsemmi, b’dan illi tali mandat ghandu jibqa’ *in vigore* sakemm ma jkunx hemm ragunijiet legalment gustifikabbli sabiex tali mandat jigi revokat u sakemm l-istess minuri issir maggorenni;

2. Tordna illi t-tifla minuri “C” ma tithalliex tohrog minn Malta minghajr il-permess ta’ din l-Onorabbli Qorti;

3. Tordna illi l-konvenuta tiddepozita l-passaport tal-minuri, jekk ikun il-kaz, ma’ din l-Onorabbli Qorti jew ma’ Awtorita’ kompetenti ohra li jidhrilha opportuna li tinnomina din l-Onorabbli Qorti;

4. Tordna lid-Direttur tal-Passaporti u lil Ufficjal Ewlieni fl-Ufficju tal-Passaporti sabiex il-minuri ma titnizzilx fuq il-passaport tal-konvenuta;

5. Tordna u tawtorizza lid-Direttur tal-Passaporti u lil Ufficjal Ewlieni fl-Ufficju tal-Passaporti u lil Awtoritajiet

kompetenti sabiex ma jinharigx passaport ghal minuri minghajr il-kunsens taz-zewg genituri;

6. Tordna u tawtorizza lid-Direttur tal-Passaporti u lil Ufficjal Ewlieni fl-Ufficju tal-Passaporti sabiex inehhi lit-tifla minuri minn fuq il-passaport tal-konvenuta jekk dan hu l-kaz;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 95/03 kontra l-konvenuta minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici, il-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti minn fol. 3 sa fol. 5 tal-process.

Rat id-dokumenti esebiti nkluz il-Mandat ta' Inibizzjoni biex Twaqqaf persuna milli tiehu l-minuri barra minn Malta Numru 955/2003 decretat mill-Onorevoli Imhallef Tonio Mallia fit-12 ta' Gunju 2003 esebit bhala Dok. "AB 1" a fol. 6 tal-process.

Rat id-digriet tal-Qorti sabiex il-partijiet iressqu l-provi taghhom bil-procedura ta' l-affidavits moghti fis-17 ta' Lulju 2003, fejn il-Qorti ppreffiggiet lill-partijiet hamsin (50) gurnata biex jipprezentaw il-provi kollha li jistghu permezz tal-procedura tal-affidavits, kollox kif hemm indikat a fol. 15 tal-process.

Rat ir-rikors tal-attur datat 11 ta' Awissu 2003, a fol. 18 fejn talab bir-rispett lil din il-Qorti sabiex tordna lill-intimata taghtih access ghall-minuri "C" meta huwa jkun intitolat ghal vizta skond ir-regolamenti tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin u dan taht dawk il-kondizzjonijiet kollha li din il-Qorti joghgobha tordna u tordna li kull decizjoni li tista' titiehed fil-konfront tal-minuri "C" ghandha tittiehed bi qbil mar-rikkorrent u fin-nuqqas l-istess partijiet ghandhom jadixxu lill-Qorti ghad-decizjoni taghha skond il-ligijiet.

Rat id-Digriet tal-Qorti datat 12 ta' Awissu 2003, fejn il-Qorti tat Digriet sabiex l-attur jipprezenta nota gurnamentata. Ordnat lill-attur jaderixxi ruhu in pien mad-Digriet sabiex jipprezenta x-xhieda tieghu bil-procedura ta'

l-affidavits datat 17 ta’ Lulju 2003 u ordnatlu jesebixxi d-Digriet tas-Sekond’ Awla. Ordnat in-notifika tar-rikors lill-kontro-parti li kellha fil-frattemp taderixxi ruhha mad-Digriet vigenti u kellha jumejn zmien ghar-risposta guramentata.

Rat it-twegiba tal-konvenuta datata 1 ta’ Settembru 2003.

Rat in-nota tal-attur datata 5 ta’ Settembru 2003 fejn pprezenta l-affidavits tieghu u ta’ missieru Frans Bonello.

Rat in-nota tal-attur **“A”** datata 5 ta’ Settembru 2003, li permezz taghha prezenta l-affidavit tieghu u ta’ missieru **Frans Bonello** datati it-tnejn 5 ta’ Settembru 2003.

Rat id-Digriet datat 16 ta’ Settembru 2003, fejn f’ dan l-istadju l-Qorti cahdet it-talba anke peress li dan ma kellux x’ jaqsam mal-mertu tac-citazzjoni attrici u ma jidhirx li l-attur aderixxa bil-proceduri idoneji.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta “B” datata 1 ta’ Settembru 2003, a fol. 100 fejn ecipit bir-rispett:-

1. Illi hi qatt ma stqarret jew heddet lill-attur li hi ser issiefer permanentement minn Malta la wehida u lanqas b’ bintha;

2. Illi hi ghandha hajjitha gewwa Malta u m’ghandha ebda intenzjoni li titlaq ghal dejjem;

3. Illi hi m’ghandhiex intenzjoni li tohrog lil bintha mill-gurisdizzjoni Maltija u ghaldaqstant ma toggezzjonax li hi wehidha ma jkollhix poter fuq il-passaport tal-minuri, *purche’* li jkun hemm kondizzjonijiet fejn hi tkun tista’ *okkorrendo* bil-permess tal-Qorti, issiefer ghal btala mal-minuri ghal perjodi stabbiliti u taht kull kondizzjoni ohra xierqa li tkun trid il-Qorti;

4. Illi f’dawn ic-cirkostanzi, il-konvenuta m’ghandhix tehel spejjez ta’ din l-istanza, billi dan ma gietx provokata minn agir taghha.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuta a fol. 100 u fol. 101 tal-process.

Rat il-verbal datat 12 ta’ Novembru 2003, fejn il-Qorti nnominat lil Dr. Kenneth Gulia bhala Assistent Gudizzjarju sabiex jiffissa zewg seduti ghal kull parti biex taghlaq il-provi taghha.

Rat is-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Kenneth Gulia fit-8 ta’ Jannar 2004, fis-17 ta’ Frar 2004, fl-20 ta’ Settembru 2004 u fit-22 ta’ Ottubru 2004 fejn ma’ instemghet l-ebda xhieda fihom kif jidher minn fol. 121 u 122 tal-process.

Rat in-nota tal-konvenuta **“B”** datata 16 ta’ Frar 2004 a fol. 104 li permezz taghha prezentat l-affidavit taghha, ta’ **Brenda Cassano**, **Nicola Cassano** u **Joseph Cassano**.

Rat il-verbal datat 2 ta’ Marzu 2004.

Rat il-verbal datat 5 ta’ Mejju 2004, fejn l-Qorti nnotat li d-digriet taghha tat-12 ta' Novembru 2003 ma giex osservat, u nnotat li fis-seduti quddiem l-Assistent Gudizzjarju ma sar xejn. Il-Qorti ordnat lill-Assistent Gudizzjarju jzomm seduta wahda ghall-konkluzjoni tal-provi tal-partijiet fil-mori.

Rat is-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Kenneth Gulia fis-6 ta’ Lulju 2004 u fit-22 ta’ Ottubru 2004.

Rat il-verbal datat 6 ta’ Novembru 2004, fejn il-kawza giet differita minhabba indispozizzjoni ta’ din il-Qorti.

Rat is-seduta mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Kenneth Gulia fil-25 ta’ Novembru 2004 fejn xehed il-**Marixall John Micallef**.

Rat ir-rikors tal-attur datat 6 ta’ April 2005, fejn talab umilment lil din il-Qorti joghgobha tawtorizza lil Assistent Gudizzjarju sabiex izomm is-seduta tas-26 ta’ April 2005 u dan specifikament sabiex isir il-kontro-ezami tal-

konvenuta u ta’ Joe Cardona u dan taht kull provvediment iehor li din il-Qorti joghgobha timponi.

Rat id-digriet datat 7 ta’ April 2005, fejn il-Qorti ordnat in-notifika lill-kontro-parti b’ erbat ijiem zmien ghar-risposta.

Rat ir-risposta tal-konvenuta datata 15 ta’ April 2005.

Rat id-Digriet datat 21 ta’ April 2005, fejn il-Qorti laqghat it-talba u rreferit ghall-verbal u ghad-Digriet tat-12 ta’ April 2005.

Rat il-verbal datat 12 ta’ April 2005 fejn il-Qorti ordnat lil Assistent Gudizzjarju jiffissa l-ahhar seduta ghall-provi kollha li fadal.

Rat is-seduta mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Kenneth Gulia fis-26 ta’ April 2005 fejn xehdu **“B”** u **Joseph Cardona**.

Rat il-verbal datat 25 ta’ Ottubru 2005, fejn id-difensuri tal-partijiet nfurmaw lill-Qorti li l-provi huma maghluqa. Dr Ilona Debono ghall-konvenuta ddikjarat li llum il-konvenuta hija mizzewga Malti, tghix Malta u ommha tghix Malta u fil-fatt m'ghandha l-ebda nteress li tiehu lill-minuri barra minn Malta, u m'ghandha l-ebda nteress li tbiddel ir-residenza attwali tal-minuri, liema residenza hija attwalment Maltija. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-31 ta' Jannar 2006.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta l-partijiet huma l-genituri tal-minuri “C” u mill-provi prodotti jirrizulta li l-partijiet ma ghadhomx jghixu flimkien, u fil-fatt kien hemm incidenti serji ta’ vjolenza domestika mill-attur fuq il-konvenuta u din is-sitwazzjoni jidher li ggravat sew tant li l-istess attur

fl-affidavit tieghu jghid li fit-18 ta’ Frar 2003 b’sentenza fl-ismijiet **“Il-Pulizija (Spettur Louise Calleja vs. “A””** moghtija mill-Magistrat Dottor Antonio Mizzi l-attur gie kkunannat erba’ (4) snin habs dwar akkuzi ta’ stupru fuq il-konvenuta u dwar l-istess l-attur jghid fl-affidavit tieghu li *“illi kont skuzajt ruhi mal-konvenuta kemm-il darba ghal dan l-incident u jiddispjacini ghal dak li kien gara”.*

Illi din il-Qorti tirrferi wkoll ghall-affidavits kollha pprezentati mill-konvenuta minn fejn jirrizulta ppruvat l-agir allegat minnha *da parte* ta’ l-attur fil-konfront taghha u jidher li hemm problemi serji f’dan ir-rigward, u din il-Qorti thoss li dak allegat mill-konvenuta f’dan ir-rigward gie ppruvat ukoll bil-kolloborazzjoni tax-xhieda minnha prodotti inkluza dik ta’ ommha Brenda Cassano, ta’ huha Nicola Cassano, u ta’ Joseph Caruana (fol. 113 sa fol. 119) u din il-Qorti thoss li tali xhieda kollha tikkonferma u tipprova x-xhieda kollha prodotta mill-istess konvenuta u f ‘dan is-sens ix-xhieda tal-konvenuta hija iktar verosimili u kredibli minn dik tal-attur.

Illi ghal dak li huwa l-mertu propju tal-kawza odjerna l-attur jallega li l-konvenuta hedded lilu li kienet ser tiehu lill-minuri barra minn Malta u tmur tghix l-Ingilterra. Ix-xhieda ta’ Frans Bonello, missier l-attur hija biss fis-sens ta’ dak li qallu l-attur fuq il-konvenuta, xhieda *detto del detto* li lanqas hija ammissibbli u certament li fi kwalunkwe kaz bl-ebda mod ma’ tikkoroborha l-versjoni attrici f’dan ir-rigward.

Illi apparti dan pero’ jidher car li l-konvenuta cahdet din l-akkuza u fl-affidavit taghha hija tirrakonta kif l-istess attur kien qed litteralment isegwi l-passi taghha kulimkien u hawn il-Qorti tirreferi ghal dak li xehdet il-konvenuta fl-affidavit taghha u partikolarment minn fol. 110 sa 113 tal-process. Tirreferi wkoll ghax-xhieda ta’ Joseph Cardona datata 13 ta’ Frar 2004 u din il-Qorti thoss li meta din il-Qorti tiehu in konsiderazzjoni l-assjem tal-provi l-allegazzjoni attrici fil-konfront tal-konvenuta in kwantu jirrigwardaw il-mertu ta’ din il-kawza ma’ gew bl-ebda mod ippruvati.

Illi intant din il-Qorti sejra tiddeciedi din il-kawza fl-interess tal-minuri “C” u *in vista* tal-fatt li gie ppruvat li l-istess minuri li twieldet fil-5 ta’ Ottubru 2001 dejjem ghexet hawn Malta mit-twelid taghha sa llum tant li l-konvenuta hija llum il-gurnata mizzewga lill-Malti Joseph Cardona u hija ddikjarat fl-affidavit taghha li ma’ ghandha ebda intenzjoni li hija tghix mal-minuri barra minn Malta, u dan ikkonfermatu wkoll fix-xhieda taghha tas-26 ta’ April 2005 u wkoll permezz tal-verbal tad-difensur taghha Dr. Ilona Debono datat 25 ta’ Ottubru 2005, din il-Qorti thoss li huwa fl-interess tal-minuri li fic-cirkostanzi odjerni l-istess minuri ghandha titrabba’ u tghix hawn Malta, b’dan li l-istess minuri tkun tista’ tohrog minn Malta biss permezz ta’ ordni tal-Qorti Maltija kompetenti.

Illi fil-fatt fl-istess nota ta’ l-eccezzjonijiet taghha  l-istess konvenuta stqarret li hija ghandha hajjitha gewwa Malta u ma’ ghandha l-ebda intenzjoni li temigra jew tghix f’pajjiz iehor ghal dejjem u hawn issir referenza ghal dak indikat fl-istess eccezzjonijiet u dikjarazzjoni tal-konvenuta a fol. 100 u 101 tal-process.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta biss in kwantu l-istess huma b’xi mod inkompatibbli ma’ dak hawn deciz, **tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba attrici tilqa’ t-talbiet attrici l-ohra biss fis-sens hawn premess,** b’dan illi:-

1. Tikkonferma l-Mandat ta’ Inibizzjoni numru 955/03 fuq imsemmi, biss fis-sens li l-attrici ma ghandhiex issiefer lill-minuri “C” minn Malta jekk mhux bil-permess tal-Qorti kompetenti b’dan li l-istess minuri ghandha tibqa’ abitwalment residenti Malta;

2. Tordna kosgwentement illi t-tifla minuri “C” ma tithalliex tohrog minn Malta minghajr il-permess tal-Qorti kompetenti u dan ghar-ragunijiet li jinghataw fl-istess

ordnijiet, digrieti jew decizjonijiet ta' l-istess Qorti kompetenti mehuda fl-interess suprem tal-minuri;

3. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din it-talba *stante* li ma giex ippruvat li l-istess minuri ghandha passport taghha;

4. Tilqa' din it-talba u tordna lid-Direttur tal-Passaporti u lil Ufficjal Ewlieni fl-Ufficju tal-Passaporti sabiex il-minuri ma titnizzilx fuq il-passaport tal-konvenuta jew ta' l-attur jekk mhux bil-permess tal-Qorti kompetenti b'ordni *ad hoc* skond il-ligi;

5. Tordna u tawtorizza lid-Direttur tal-Passaporti u lil Ufficjal Ewlieni fl-Ufficju tal-Passaporti u lil Awtoritajiet kompetenti sabiex ma jinharigx passaport ghal minuri minghajr il-kunsens bil-miktub taz-zewg genituri jew fin-nuqqas ta' qbil bejn il-genituri, kif indikat, b'konsegwenza ta' ordni tal-Qorti kompetenti moghtija fl-interess tal-minuri u dejjem fil-kuntest ta' l-interess tal-minuri;

6. Tordna u tawtorizza lid-Direttur tal-Passaporti u lil Ufficjal Ewlieni fl-Ufficju tal-Passaporti sabiex inehhi lit-tifla minuri minn fuq il-passaport tal-konvenuta jekk l-istess minuri hija fil-fatt indikata fl-istess passaport, b'dan li l-istess ufficjali ghandhom isegwu l-ordnijiet tal-Qorti kompetenti fl-istess rigward fl-interess tal-minuri;

Din il-Qorti tordna lill-attur sabiex a spejjez tieghu jinnotifika kopja legali ta' din is-sentenza lill-Kummissarju tal-Pulizija, lill-Ufficjal Ewlieni fl-Ufficju Inkarigat mill-Passaporti, lid-Direttur tal-Passaporti u lill-Kontrollur tad-Dwana.

Illi fic-cirkostanzi prezenti l-ispejjez kollha ta' din il-kawza ghandhom jigu mhallsa mill-attur.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------